MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 112/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Gualtiero Cassar**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Gualtiero Cassar talli fl-20 ta' Novembru 2004, ghall-habta tas-2.30 a.m. bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja tal-hanut ta' l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' Meze` li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan:

1) Ippermetta li tindaqq muzika fl-imsemmi hanut minghajr licenzja ta' l-Awtorita` kompetenti;
2) Ghamel xi haga, u cioe` daqq jew ippermetta li tindaqq muzika fl-imsemmi hanut minghajr licenzja ta' l-Awtorita`

kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-Awtorita` kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi;
3) Naqas li jqieghed gewwa gwarnic u f’post fejn jidher sewwa fil-hanut, kopja ta' kull licenzja jew permess moghti lilu mill-Awtorita` kompetenti dwar il-hanut kif ukoll kopja stampata ta’ dawn ir-regolamenti;
4) Ghamel xi haga u cioe` naqas milli jqieghed gewwa gwarnic u f’post fejn jidher sewwa fil-hanut, kopja ta’ kull licenzja jew permess moghtija lilu mill-Awtorita kompetenti meta din il-licenzja hija mehitega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-Awtorita` kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi;
5) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ippermetta lil Erika Cassar taghmilha ta’ substitute minghajr licenzja ta’ l-Awtorita` kompetenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ April 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-appellant (allura imputat) sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal ammenda ta’ hamsa w ghoxrin liri Maltin (Lm25) ghal kull wahda mill-hames imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u ordnat li jkun skwalifikat milli jzomm il-licenzja tal-fond Meze`, Triq San Gorg, San Giljan ghal perijodu ta’ tliet (3) xhur mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Gualtiero Cassar ipprezentat fid-19 ta’ April 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti taghha fejn iddikjaratu hati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati, tirriforma u tvarja l-istess sentenza f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena inflitta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat ghall-piena nflitta mill-Ewwel Qorti wara li fis-seduta tas-7 ta' April 2005 l-appellant, wara li nqrat l-akkuza u dik l-Ewwel Qorti fissret lill-appellant id-drittijiet tieghu u huwa nformaha li ma jridx ikun assistit minn Avukat, irregistra ammissjoni.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti njorat ghal kollox il-fatt ta' l-ammissjoni bikrija tieghu u kkundannatu kemm ghall-piena massima fir-rigward ta' kull imputazzjoni kif ukoll ezercitat id-diskrezzjoni taghha skond l-artikolu 30(1) tal-Kodici Kriminali biex anke tiskwalifika lill-appellant mil-licenzja tal-fond kummercjali in kwistjoni ghal perijodu ta' tliet xhur meta lanqas il-prosekuzzjoni ma kienet talbet tali skwalifika. Jghid ukoll li l-iskwalifika tal-licenzja ggib maghha konsegwenzi mhux biss ghalih izda wkoll ghall-impjegati tieghu.

Jigi osservat l-ewwelnett li skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. Barra minn hekk, sabiex il-Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha skond l-artikolu 30(1) tal-Kodici Kriminali, m'hemmx ghalfejn ikun hemm talba mill-prosekuzzjoni. Ghalhekk l-Ewwel Qorti, wara li semghet l-ammissjoni ta' l-appellant, ghaddiet biex tinfliggi l-piena li, fid-diskrezzjoni taghha, dehrilha kienet il-piena adegwata. Il-fatt imbaghad li skwalifika ta' licenzja tista'

ggib konsegwenzi ghall-impjegati ta' l-appellant mhijiex konsiderazzjoni valida. Persuna li ma tridx li jkun hemm konsegwenzi ghall-impjegati taghha ghandha tosserva l-ligi.

Pero`, minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-hames imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant jirrizulta li t-tieni u r-raba' imputazzjonijiet jirreferu ghall-istess fatti li bih gie akkuzat fl-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet rispettivament, b'dan li t-tieni u r-raba' imputazzjonijiet jirreferu ghall-ksur ta' l-artikolu 338(gg) tal-Kodici Kriminali filwaqt li l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet jirreferu ghall-ksur ta' regolamenti taht l-A.L. 392/1929. Skond l-artikolu 338(gg) tal-Kodici Kriminali, huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min **"minn barra mill-kazijiet imsemmijin espressament f'dan il-Kodici jew f'ligi ohra, jaghmel xi haga minghajr licenza ta' l-awtorita` kompetenti, meta din il-licenza hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita` kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-fatt li l-appellant ippermetta li tindaqq muzika minghajr licenzja ta' l-awtorita` kompetenti u l-fatt li naqas milli jqieghed gewwa gwarnic u f'post fejn jidher sew fil-hanut kopja ta' kull licenzja jew permess moghtija lilu mill-awtorita` kompetenti huma msemmijin espressament f'ligi ohra, cioe` fir-regolamenti 22(1) u 27 ta' l-Avviz Legali 393/1929. Ghalhekk it-tieni imputazzjoni hi assorbita fl-ewwel u r-raba' imputazzjoni fit-tielet. Apparti dan, din il-Qorti kellha ghad-disposizzjoni taghha l-fedina penali ta' l-appellant li hija ghal kollox netta.

F'dawn ic-cirkostanzi, u wara li din il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet inkluza d-dikjarazzjoni finali tal-prosekuzzjoni li kienet qed tirrimetti ruhha ghall-gudizzju ta' din il-Qorti, u wara li qieset in-natura ta' l-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant gie dikjarat hati, hi tal-fehma li, minn barra temperament fil-piena pekunjarja, m'ghandux ikun hemm skwalifika tal-licenzja.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-hames imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, tiddikjara li t-tieni imputazzjoni ghandha titqies assorbita fl-ewwel imputazzjoni u r-raba' imputazzjoni assorbita fit-tielet imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' *ammenda* ta' Lm25 ghal kull wahda mill-hames imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u in kwantu skwalifikatu milli jzomm il-licenzja tal-fond Meze`, Triq San Gorg, San Giljan ghal perijodu ta' tliet xhur mid-data ta' dik is-sentenza, u minflok, wara li rat ukoll l-artikoli 17(c) u 341 tal-Kodici Kriminali, tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* komplessiva ta' Lm75.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------